**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)**

**18 TA' MEJJU 2017**

Il-Pulizija
(spettur Jurgen Vella)

Vs

Charles Ryan Vella

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 75186m akkuzat talli fit-13 ta' Lulju 2010, ghal-habta tad-9.00hrs gewwa Triq Guze D'Amato, Paola:

1. saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAP 774, minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghal dik il-vettura;
2. u ghalhekk saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
3. meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament kkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mary Vassallo skond kif iccertifika Dr A. Buttigieg M.D. Reg 1903 mill-MDH;
4. bil-hsieb li jaghmel uzu temporanju, saq l-imsemmija vettura kemm b'forza mekkanika jew b'mod iehor, naqas li jkollu permess tas-sid (Lorraine Vella) jew awtorita' kompetenti ohra;

Il-Qorti mitluba li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament;

Ikkonsiderat:

Dina hija kawza in segwitu ghal kollizjoni li fih kien involut l-imputat u li fiha kienet allegatament korriet gravi certa Mary Vassallo.

L-imputazzjonijiet jakkuzaw l-imputat:

I. li saq l-vettura HAP774 minghajr ma kien kopert b'licenzja tas-sewqan u minghajr kopertura ta' polza ta' sigurta';
II. li involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq l-imsemmija Mary Vassallo;
III. li saq il-vettura minghajr il-kunsens ta' sidha.

Jintrapella minn folio 17 tal-process li l-imputat ammetta: li saq il-vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan; li ikkaguna offiza gravi fuq l-imsemmija Mary Vassallo; li saq l-vettura minghajr il-kunsens ta' sidha, li kienet ommu.

In vista ta' dan il-Qorti mhiex sejra tezamina d-dinamika tal-incident u r-responsabilita' tal-istess stante l-ammissjoni tal-imputat. Fuq kollox dubbju dwar it-tort tieghu ma kienx ikun hemm.

L-imputat qieghed jikkontesta l-akkuza li tixlih li ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Fil-konfront ta' dan xehed ir-rappresentant tas-socjeta' assikurattrici li stqarr li l-vettura in kwistjoni kienet assikurata ghal kull sewwieq 'il fuq minn hamsa u ghoxrin sena. Dwar il-prova kemm kellu eta' l-imputat meta sehh l-incident hija nieqsa l-ahjar prova konsistenti fic-certifikat tat-twelid tieghu.

Qeghda, ghaldaqstant, tiddisponi mill-kawza, billi fuq ammissjoni tieghu, issibu hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba akkuza. Tilliberah mit-tieni. Rat l-Artikolu 15(1)(a)(3) u 61(1) tal-Kap 65, u l-Artikolu 226 u 17 tal-Kap 9. Rat l-Artikolu 11 tal-Kap 446. Rat il-verbal tal-5 ta' April 2017. Tikkundannah mitt siegha servizz fil-komunita'. Tiskwalifikah milli ikollu jew jottjenti licenzja tas-sewqan ghal tmien tijiem mill-lum.

A.M.Trigona
Magistrat